QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 6 ta' Lulju 2001

Numru 7

Citaz. Nru. 722/95 FDP

Leslie Causon ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Francis Bajada skond il-ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni (ref 949051).

Vs

Frederick Frendo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Palm Shipping Agency Limited u din bhala agent ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Bowler International Freight Limited u James Gustaf Gollcher ghan-nom ta' O F Gollcher & Sons Limited bhala *bond operators* lokali;
u b'nota tad-19 ta' Gunju 1995 Michael Chetcuti bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' O F Gollcher & Sons Limited assuma l-atti flok James Gustaf Gollcher.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-25 ta' Mejju 1995 li bih gie premess:-

Illi d-ditta Francis Bajada importat mill-Ingilterra ghal Malta 10 kaxxi li jikkontjenu "*suits & jackets*" li waslu Malta fit-28 ta' Ottubru 1994 abbord il-vapur *Norasia Hong Kong*;

Illi meta l-merkanzija giet rilaxxjata lill-importatur instabu diversi nuqqasijiet u dan fil-valur ta' Lm707 li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;

Illi l-importatur kien assikurat mas-socjeta` attrici u gie kompensat bil-valur fuq imsemmi u saret id-debita surroga;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom resonsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija;

2. Tikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm707 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tac-citazzjoni kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frederick Frendo *nomine* tas-16 ta' Gunju 1995 fejn gie eccepit:

1. Illi fil-konfront tieghu id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante li l-konsenja in kwistjoni giet Malta permezz ta' Excel Shipping ta' Essex l-Ingilterra liema socjeta` hija rapprezentata f' Malta mhux mill-konvenut Frederick Frendo izda mill-konvenut l-iehor Gollcher Company Limited. Ghalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur *nomine* u l-esponenti *nomine*;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' Michael Chetcuti bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' O F Gollcher & Sons Limited tad-19 ta' Gunju 1995 li permezz taghha huwa assuma l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` konvenuta O F Gollcher & Sons Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Michael Chetcuti ghan-nom u in rapprezentanza ta' O F Gollcher & Sons Ltd fejn eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li s-socjeta` konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Michael Chetcuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi d-ditta importatrici Francis Bajada importat minghand id-ditta B. Berwin Ltd, l-Ingilterra, 10 kaxxi "*suits & jackets*" u meta dawn waslu Malta u gew rilaxxjati instab li kien fihom xi nuqqasijiet. Is-socjeta` assikuratrici ghamlet tajjeb ghal dawn in-nuqqasijiet u wara li giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` importatrici (kif jidher mis-surroga a fol 7) intavolat din il-kawza kontra Palm Shipping Co Ltd bhala agent tas-socjeta Bowler International Freight Ltd u O F Gollcher bhala *bond operators* lokali ghall-ammont ta' Lm707;

Dwar ir-responsabbilta` o meno ta' Palm Shipping bhala agent ta' Bowler International Freight Limited:-

Illi s-socjeta` konvenuta Palm Shipping eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konsenja in kwistjoni giet Malta permezz ta' Excel Shipping ta' Essex, l-Ingilterra, liema socjeta` hija rapprezentata minn O F Gollcher Co Ltd u mhux minn Palm Shipping Agency Ltd;

Illi il-Qorti ezaminat il-polza ta' karigu li tinsab a fol 5 tal-process. Fuqha hemm indikati bhala x-"*Shipper*" is-socjeta` B. Berwin Ltd ta' Leeds, UK u l-F Bajada bhala l-*consignee*. Jidher li s-socjeta` Bowler International Freight Ltd, ta' Essex UK kienet inkarigata sabiex tibghat x-xoghol hawn Malta. Fuq in-naha ta' fuq tal-polza ta' karigu hemm indikat l-indirizz ta' Bowler International Freight Ltd u aktar l-isfel fuq id-dokument jidher it-timbru u l-firma ta' rapprezentant ta' l-istess Bowler International Freight Ltd. A fol 114 tal-process, imbaghad, hemm esebita "House Bill of Lading" mahruga minn Excel Shipping Ltd ta' Essex, UK. Din tindika lil Bowler International Freight Ltd bhala x-"*shipper*" u Palm Shipping Agency Ltd, Malta, bhala l-*consignee*. Fuq l-istess dokument tidher l-firma ta' rapprezentant tas-socjeta` Excel Shipping Ltd;

Illi Colin Micallef, li huwa *bond operator* mad-ditta Gollcher, fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Gunju 1999 spjega li d-ditta Bowler li hija l-*forwarder* kienet inkarigata sabiex tibghat ix-xoghol hawn Malta. Bowler, li hi rapprezentata Malta minn Palm

Shipping Co Ltd, ma kellhiex bizzejjed *cargo* biex timla' container shih u allura qabbdet *forwarder* iehor li kien gej hawn Malta li inserta kien Excel Shipping Ltd. Id-ditta Gollcher hija l-agenti tad-ditta Excel Shipping Ltd. Ix-xhud ghamel riferenza ghad-dokument esebit a fol 74 tal-process. Dan id-dokument huwa "Notice of Arrival" mahrug minn Gollcher Co Ltd u indirizzat lil Palm Shipping Co Ltd. Huwa jikkonferma li l-carriers tal-merkanzija kienu propju d-ditta Gollcher u l-merkanzija ddahhlet fil-*bonded stores* taghha stess;

Illi Karl Bajada, li huwa wiehed mill-propjetarji tad-ditta importatrici Francis Bajada, fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Novembru 1995 jghid li huwa jinkariga lil Palm Travel u lil min juzaw huma huwa ma jafx. Ghalhekk kif issottometta l-attur *nomine* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-relazzjoni guridika tieghu hija dik stabbilita skond il-polza ta' karigu (esebita a fol 5) u r-relazzjoni bejn id-ditta Bowler u d-ditta Excel hija *res inter alios acta*. Fil-fatt meta waslet il-konsenja l-istess xhud kellu notifika mill-Palm Shipping (ara notice of arrival a fol 61);

Illi Frederick Frendo *nomine* fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jargumenta illi Bowler Ltd lanqas kienet l-ewwel ditta ta' *freight forwarders* avvicinata mill-esportatur u kull ma ghamlet kien li ghaddiet kollox f'idejn Excel Shipping "*kif ghamlet B.Berwin ma' Bowler International Ltd.*" Ikompli jinsisti *li "Bir-ragunament ta' l-attur nomine sabiex tkun responsabbli s-socjeta` Palm Travel bhala agenti ta' Bowler f'Malta kellhom ikunu responsabbli l-agenti ta' B. Berwin Ltd f'Malta ukoll."* Il-Qorti

hawnhekk ikollha tikkorregi din s-sottomissjoni ta' l-istess konvenut *nomine* fis-sens illi B.Berwin kienu l-esportaturi u mhux freight forwarders (ara l-invoices u l-packing list mahruga mid-ditta B.Berwin a fol 8-10 tal-process). Ghalhekk mhux minnu li B. Berwin Ltd kienet l-ewwel ditta ta' *freight forwarders* avvicinata mill-esportatur - B Berwin Ltd kienet propju l-esportatur innifsu!

Illi ghalhekk jidher li s-socjeta` inkarigata biex tiehu hsieb il-garr tal-merkanzija kienet propju Palm Shipping Agency Ltd li hija l-agent ta' Bowler International Freight Ltd. Ghar-ragunijet taghha Bowler International Freight Ltd iddelegat l-inkarigu taghha lil Excel Shipping Ltd u l-merkanzija effettivament ingarret minn Excel Shipping Ltd. Din ir-relazzjoni tikkoncerna biss lil Bowler u Excel. Excel Shipping Agency Ltd garret il-merkanzija ghal Bowler International Freight Ltd u mhux ghal Bajada; fil-fatt fuq il-polza ta' karigu mahruga mill-Excel Shipping Ltd (fol 114) hemm indikat bhala *consignee* id-ditta Palm Shipping Agency Ltd u mhux id-ditta importatrici Bajada Ltd. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi hija s-socjeta` Palm Shipping bhala agenti tas-socjeta` Bowler li ghandha tkun responsabbli ghal kull nuqqas li jirrizulta li sehh f'kull stadju tal-garr tal-merkanzija sakemm din waslet Malta u mhux id-ditta Gollcher bhala agenti ta' Excel kif qed jigi pretiz;

<u>Dwar fejn sehhew in-nuqqasijiet lamentati</u>:-

Illi Salvu Grima, fizzjal tad-Dwana, fix-xhieda tieghu (fol 29-31) qal illi il-*container* li fih kienu l-ghaxar kaxxi ggieget in kwistjoni infetah fil-presenza tieghu hdejn ir-rampa li twassal ghall-*bond* ta' Gollcher. Huwa nnota li s-sigilli ta' Malta kif ukoll ta' barra kienu intatti. Jinsisti li l-ghaxar kartuniet ta' Bajada dehru li kienu intatti "*… nirrepeti li ma hemm ebda rimarka li dawn kienu jew miftuhin jew danneggjati …";*

Illi Colin Micallef, il-*bond operator* ta' Gollcher jikkonferma fl-affidavit tieghu (fol 80-81) illi go Hal Far infetah il-*container* fil-presenza tieghu u ta' Salvu Grima, l-ufficjal tad-Dwana. "*Kemm jiena u kemm l-Ufficjal tad-Dwana innotajna li ma kien hemm ebda rimarki xi jsiru fir-rigward tal-merkanzija u ghalhekk ix-xoghol kollu inhatt fil-warehouse taghna go Hal Far Groupage Complex."*

Illi Joseph Sghendo, fizzjal tad-Dwana, fl-affidavit tieghu a fol 42 xehed illi huwa kien ir-*releasing officer* inkarigat biex jivverifika l-merkanzija ta' Francis Bajada li kienet qed tigi rilaxxjata mill-Hal Far Groupage Bond. "*Jien ezaminajt il-konsenja u ftaht 3 mill-10 kaxxi u dawn it-tlett kaxxi kienu korretti. Il-burdnar ha l-kumplament tax-xoghol. Ma kien hemm ebda rimarki negattivi dak il-mument."*

Illi x-xhieda ta' Sghendo hija kkonfermata minn Colin Micallef li qal illi x-xoghol gie rilaxxjat lill-burdnar tad-ditta` Francis Bajada fil-presenza tal-fizzjal tad-Dwana Joseph Sghendo. "*Anke f'dan l-istadju ma kienx hemm rimarki…"* Kontro-ezaminat huwa ikkonferma li meta l-

merkanzija giet irtirata ma saret ebda rimarka negattiva dwar l-istess merkanzija. Qal ukoll li ma jiftakarx jekk infethux il-kaxxi kollha meta l-merkanzija ttiehdet. *"… ma neskludix il-possibilta` illi tkun fil-fatt infethet kaxxa wahda, raw li ma fihiex nuqqasijiet u allura l-merkanzija tigi rilaxxjata … generalment il-burdnar li jigi biex jirtira l-merkanzija ghan-nom tal-klijent jiccekkja kull kaxxa u jigbdilna l-attenzjoni jekk ikun hemm kaz ta' nuqqas jew serq."*

Illi Karl Bajada mis-socjeta` importatrici fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti qal li jiftakar din il-konsenja sew. Wara li gie infurmat li l-konsenja kienet dahlet, huwa mar mal-burdnar biex jiccekkja l-konsenja. L-ewwel haga li nnota fil-*bond* ta' Gollcher kienet li l-vlegeg ta' fuq il-kaxex li l-iskop taghhom huwa li jindikaw fejn suppost li jkunu "*upright*" kienu jidhru bil-maqlub. *"Huma qaluli li stivawhom b'dan il-mod ghax kellhom il-grieden fil-bond."* Zied jghid li *"Ahna ftahna kaxxa wahda fil-presenza ta' l-ufficjal tad-Dwana u din kien fiha l-kontenut kollu. Jien allura qbadt din il-kaxxa u l-kaxex l-ohra u bqajt diehel mal-burdnar u hadna x-xoghol il-hanut. Kif bdejna nifthu l-kaxex l-ohra indunajna mill-ewwel, kif bdejna nifthuhom li mill-wicc kien hemm merkanzija nieqsa. Ahna qlibnihom ta' taht fuq u indunajna li t-tape kien maqlugh minn taht."*

Kontro-ezaminat huwa qal illi l-kaxxi kienu stivati fil-gholi u huwa ma setax fil-*bond* jara jekk it-*tape* kienx maqlugh jew le. *"Il-kaxxi kienu mifqughin minn taht. Jiena nista' nghid li*

*wiehed jista jinduna biss bil-kwistjoni tat-tape kif spjegajt qabel meta wiehed jigi biex jiftah il-kaxex."* Spjega ukoll illi l-kaxex ma jehduhomx huma mill-*bond* imma inewluhomlohom bil-*fork lifter*. Fil-bond wiehed ma jistax jidhol, ikun jista' jara x-xoghol minn barra biss. *"Jiena nghid li lanqas meta terfaghhom bil-fork lifter ma tinduna b'din il-kwistjoni tat-tape."*

Illi Bernard Farrugia, li kien impjegat mal-*claims section* ta' Gasan Insurance Agency Ltd fiz-zmien in kwistjoni, xehed illi fit-8 ta' Novembru 1994 kien cempillu Karl Bajada li infurmah li kienu ghadhom kif ircevew il-merkanzija u sabu xi nuqqasijiet. *"Jien tlabtu biex dak il-hin jissospendu l-hatt tal-merkanzija sakemm nasal jien."* Wara li Farrugia mar fuq il-post, infethu l-kumplament tal-kaxxi. Irrizulta li b'kollox kien hemm 8 oggetti nieqsa minn 4 kaxxi. *"Innotajt li fl-4 kaxxi li kien fihom in-nieqes kien hemm qasma (slit) fit-tape fil-qiegh tal-kaxxa b'mod li xi hadd dahhal idu u gibed il-merkanzija 'l barra."* Farrugia ikkalkula d-danni fl-ammont ta' Lm707.48 u ikkonferma li fit-28 ta' Frar 1996 Gasan Insurance Agency Ltd hallset lid-ditta Francis Bajada s-somma ta' Lm707.48;

Illi peress li l-erba' kaxxi li minnhom ittiehdu xi affarijiet kienu mbaghbsa b'mod sottili hafna (u dan anke kif jidher mir-ritratt BF2 a fol 88) ma kienx possibbli li dak li jkun jinduna malajr bin-nuqqasijiet u ghalhekk ma tnizzlet ebda rimarka f'ebda stadju ta' l-importazzjoni tal-merkanzija. Ghalhekk mhux facli biex wiehed jiddetermina f'liema stadju sehhew in-nuqqasijiet;

Illi l-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

Kif jidher mir-ritratt BF4 (li jinsab fuq it-*tergo* a fol 88) il-kaxxi kellhom hadida orizzontali fuq in-naha ta' fuq li maghha kienu mqabbdin l-ispallieri bil-ggieget/suits. Fuq il-kaxxi stess jidhru l-kliem "HANGING GARMENTS" (ara fitratt BF3, fol 88) li jindikaw li l-ggieget huma imdendlin u mhux mitwijin. Ghalhekk wiehed jista' jimmagina li fuq in-naha ta' fuq hemm xi hadida li minnha huma imdendlin il-ggieget u li konsegwentement huwa pjuttost difficli biex wiehed jipprova jiftah il-kaxxa min-naha ta' fuq. Jirrizulta mill-provi illi l-kaxxi kienu stivati rashom 'l isfel fil-*bonded stores* tad-ditta Gollcher. Ma jirrizultax jekk kienux stivati mall-ewwel rashom 'l isfel jew jekk xi hadd dawwarhomx wara li kienu diga` ddahhlu gol-*bonded stores*. Pero` kien ovvjament aktar facli ghal dak li jkun biex jisraq xi haga mill-kaxxi diment li dawn ikunu rashom 'l-isfel. Sinifikattiva ukoll hija r-rimarka metaforika dwar il-"grieden" li saret lil Karl Bajada da parti ta' xi hadd mill-*bond* ta' Gollcher, ghalkemm kontro-ezaminat, l-istess Bajada ma kienx f'pozizzjoni li jghid min kienet il-persuna li ghamlet tali rimarka;

Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-hwejjeg insterqu mill-kaxxi meta dawn kienu fil-*bond* ta' Gollcher.

Dwar l-ammont li s-socjeta` attrici hallset lill-importatur a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni, dan mhux ikkontestat u jirrizulta li l-istess

socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba fil-konfront tal-konvenut Michael Chetcuti bhala mandatarju specjali tas-socjeta` O F Gollcher & Sons Limited u tiddikjara lill-istess Michael Chetcuti *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni, filwaqt li tillibera lill-konvenut l-iehor Frederick Frendo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Palm Shipping Agency Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Tilqa' t-Tieni Talba billi wara li tillibera lil Frederick Frendo *nomine* mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lil Michael Chetcuti *nomine* ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta' seba' mija u seba' liri Maltin (Lm707);

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut Michael Chetcuti *nomine*, jithallsu mill-istess Michael Chetcuti *nomine.*

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur